**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 279 / 14RGM

Kawza fil-lista: 9

**C P**
**vs**
**S P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena 1992, fil-knisja ta' San Guzepp Haddiem, Birkirkara, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet bin-numru ta' iskrizzjoni wiehed, tlieta, sebgha, erbgha zbarra wiehed, disgha, disgha, tnejn (1374/1992);

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk fl-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Awwissu tas-sena 1992, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafu (d) ta’ l-Att XXXVIII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi ma huwiex minnu illi l-kunsens tal-esponenti kien affitt minn xi difett kif premess fir-rikors promotur u dana kif se jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu innominat lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat l-affidavit tal-attur ipprezentat b'nota a fol 15 et seq tal-process.

Rat l-affidavit ta' omm l-attur Concetta P ipprezentat a fol 28 et seq tal-process.

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2016 il-Qorti giet infurmata li l-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku kienu jinsabu fi stadju avvanzat.

Rat in-nota tal-attur a fol 34 tal-process, li permezz taghha ceda l-kawza stante li t-Tribunal Ekklezzjastiku kien ta decizzjoni li permezz taghha annulla z-zwieg tal-partijiet; izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez u talab sentenza fuq l-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Awissu 1992, fil-Knisja ta' San Guzepp Haddiem, Birkirkara, liema zwieg gie debitament registrat bin-numru ta' iskrizzjoni 1374/1992.

L-attur ipproceda bil-kawza odjerna sabiex jottjeni dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta, u dan abbazi tas-sub-artikolu (1) paragrafu (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa sahaq illi z-zwieg taghhom huwa null u bla effett in kwantu l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mzzewwga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Fil-mori ta' din il-kawza, ad istanza tal-attur, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null u bla effett mit-Tribunal Ekklesjastiku skont is-sentenza kopja a' liema giet pprezentata mill-attur (Dok B a fol 36). Jirrizulta illi din is-sentenza giet eventwalment registrata fuq ordni tal-Qorti ta' l-Appell b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2016 (Dok C a fol 64), ai termini ta' l-Artiklu 26 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta illi t-Tribunal Ekklesastiku ppronunzja n-nullita` taz-zwieg ta' bejn il-partijiet *"on the ground of lack of due discretion of judgment and inability to assume maSl obligations on the part of respondent."* Respondent f'dawk il-proceduri hija l-konvenuta fil-kawza odjerna. Dan jikkombacja mat-talba tal-attur fir-rikors promotur sabiex din il-Qorti tiddikjara z-zwieg ta' bejniethom null minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, da parti tal-konvenuta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Skond **l-Artikolu 223** tal-Kap 12:

*"Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez"* u skont id-dispost tat-tielet subinciz *"il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficili tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".*

F'kazijiet simili fejn il-meritu jkun gie ezawrit fil-mori tal-kawza il-qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiddeciedi biss dwar il-kap tal-ispejjez.

In vista tal-gudizzju tat-Tribunal Ekklesjastiku li annulla z-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tal-konvenuta u l-inabilita` taghha illi tassumi l-obbligi matrimonjali, jirrizulta lil din il-Qorti illi l-attur kien

gustifikat fit-talba tieghu fir-rikors promotur. Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi huwa ma ghandhux ibati l-ispejjez gudizzjarji.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi, prevja li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-mertu in vista li dawn gew ceduti wara l-annullament taz-zwieg tal-partijiet mit-Tribunal Ekkesjastiku, tordna li l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza jigu imhallsa kollha mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**